MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2008

Numru 647/2008

Il-Pulizija
(Spettur Arthur Mercieca)

vs

-omissis-
Dylan Degiorgio

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 151893(M) akkuzat talli:

1. fit-22 ta' Lulju, 2008 u fil-jiem ta' qabel gewwa B'Bugia ikkommetta serq ta' diversi mobile phones u oggetti ohra ghad-dannu ta' diversi persuni, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu;

-omissis-

Semghet lil dan l-akkuzat jammetti l-akkuza kontrih dedotta fl-liema ammisjoni l-imputat insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat id-digriet taghha fejn laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni ghas-separazzjoni tal-gudizzju.

Ikkonsidrat:

- li dan l-akkuzat huwa minorenni;
- li huwa ammetta u rregistra ammissjoni fl-ewwel stadju anzi fl-ewwel udjenza tal-proceduri;
- li l-ammissjoni hija wahda volontarja u inkondizzjonata u ppersista fiha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Issa l-unika akkuza li tikkoncerna lil dan l-akkuzat hija l-ewwel wahda rigwardanti s-serq ta’ diversi telefons cellulari kwalifikat bil-valur.

Wara li ikkonsidrat l-ammissjoni u rat l-Artikolu 37, 261(c), 271, 279(a) tal-Kap 9 tiddeciedi illi fil-waqt li fuq ammissjoni tieghu stess issibu hati taghzel però li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal tlett snin mil-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------